**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR GINO CAMILLERI LL D**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 17 ta' Jannar 2002**

**Citazzjoni Numru 2656/00**

**Numru 21**

**Fremond Limited f'isimha proprju u bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera Sixt AG tal-Germanja**

**vs**

**Sixt Rent-a-Car Company Limited**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' Sixt Aktiengesellshaft hija l-proprjeta' tal-markju numru 23731 Sixt Rent a Car (sinjal distintiv) registrat f'Malta fid-9 ta' Novembru 1994 f'isem il-kumpanija estera Sixt Aktiengesellshaft u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat bhala Dok A.

Illi l-kelma Sixt hija l-kunjom ta' wiehed mill-azzjonarji principali tal-kumpanija Sixt kif ukoll l-isem tad-ditta Sixt.

Illi l-isem Sixt Rent a Car uzat skond il-ligi mis-socjeta' Sixt AG ghandu reputazzjoni internazzjoni u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat bhala Dok B liema fatt, fost konsiderazzjonijiet ohra, jikkostitwixxi uzu fis-sens legali.

Illi s-socjeta' Sixt AG tat licenzja lil Fremond Limited sabiex taghmel uzu mill-isem taghha Sixt Rent a Car f'Malta.

Illi fl-10 ta' Mejju 996 giet irregistrata kumpanija f'Malta bl-isem Sixt-Rent A-Car Company Limited, u cioe' s-socjeta' konvenuta, u dana sena u nofs wara li s-socjeta' attrici rregistrat il-markju numru 23731 (Dok C).

Illi wara l-10 ta' Mejju 1996 is-socjeta' konvenuta ghamlet uzu b'mod abuziv u illegali mill-isem Sixt Rent a Car u kif ukoll irreklamat is-servizzi minnha provduti, u cioe' kiri ta' vetturi, taht l-isem Sixt Rent a Car permezz tal-media u reklamar stampat.

Ili l-uzu abuziv u illegali li qed taghmel is-socjeta' konvenuta mill-isem Sixt Rent a Car huwa att evidenti ta' konkorrenza sleali u dana stante illi tali uzu qed jikkrea konfuzjoni ma' l-isem, marki u sinjali distintivi uzati skond il-ligi mis-socjeta' attrici, bi ksur ta' l-ewwel parti tal-artikolu 32 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana kif jista' jidher fid-dokument hawn anness u markat bhala Dok D.

Illi l-uzu abuziv u illegali da parti tas-socjeta' konvenuta ta' l-isem Sixt-Rent-a-Car huwa att evidenti ta' konkorrenza sleali u dana stante illi tali uzu jikkostitwixxi uzu ta' isem ta' ditta jew ta' isem fittizju li jista' jqarraq lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta bi ksur tat-tieni parti ta' l-artikolu 32 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.  F'dan il-kuntest jigi rilevat li l-uzu tas-socjeta' konvenuta tal-isem Sixt-Rent-a-Car mis-socjeta' konvenuta huwa intiz sabiex is-socjeta' konvenuta tibbenifika mir-reputazzjoni u l-investiment fir-reklamar u l-promozzjoni ta' l-isem da parti tas-socjeta' attrici.

Illi l-uzu abuziv u illegali li qed taghmel is-socjeta' konvenuta mill-isem, marki u sinjali distintivi in kwistjoni qed jikkawza u ghad jista' jikkawza danni lill-atturi u dana kif ser jigi ppurvat fil-mori tal-kawza.

Illi ghalkemm interpellat permezz ta' protest gudizzjarju ta' l-20 ta' Awissu 1999 sabiex tiddezisti milli tkompli taghmel uzu mill-isem Sixt Rent a Car is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi l-atturi ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 4275/00) kontra s-socjeta' konvenuta permezz ta' liema s-socjeta' konvenuta giet inibita taghmel uzu bi kwalunkwe mod u manjiera mill-isem Sixt Rent a Car.

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara illi l-isem li assumiet is-socjeta' konvenuta, cioe' Sixt Rent a Car Company Limited u l-uzu li qed taghmel is-socjeta' konvenuta mill-isem Sixt Rent A Car jikkostitwixxi att ta' konkorrenza sleali u jmur kontra l-Artikolu 32 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tinibixxi permanentament lis-socjeta' konvenuta milli bi kwalunkwe mod u manjiera taghmel uzu mill-isem Sixt Rent A Car u dana taht dawk is-sanzjonijiet kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

(3) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex fi zmien qasir taghmel dak kollu necessarju sabiex tbiddel l-isem li hija assumiet u cioe' Sixt Rent A Car Company Limited f'isem iehor bl-ebda mod simili ma' l-isem Sixt Rent A Car.

(4) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex fi zmien qasir teqred kull materjal u, jew oggett li fuqu hemm indikat l-isem minnha uzat u cioe Sixt Rent A Car Company Limited.

(5) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex fi zmien qasir tirtira u teqred kull reklam sew jekk hux stampat jew mod iehor minnha maghmul u kif ukoll tnehhi u teqred kull indikazzjoni u informazzjoni li tezisti fil-konfront taghha.

(6) Tinnomina kuratur sabiex fin-nuqqas li s-socjeta' konvenuta tottempera ruhha mat-talbiet kontenuti fil-paragrafi 3, 4 u 5 fi zmien prefiss, l-istess kuratur ikun awtorizzat jaghmel dak kollu necessarju sabiex dak kollu imsemmi fit-talbiet 3, 4 u 5 jigi ezegwit.

(7) Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli tad-danni kollha sofferti u illi qed isofru l-atturi minhabba l-konkorrenza sleali ezercitata mis-socjeta' konvenuta.

(8) Tillikwida l-istess danni okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

(9) Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju ta' l-20 ta' Awissu 1999 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 4275/00 kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta tat-8 ta' Ottubru 2001 li biha ammettiet l-ewwel sitt talbiet kif dedotti fic-citazzjoni.

Rat il-verbal tallum fejn is-socjeta' attrici rrinunzjat l-ahhar tlett talbiet taghha cioe' dawk bin-numru 7, 8 u 9.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, l-ewwel sitt (6) talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni ta' l-ewwel sitt talbiet mis-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel sitt (6) talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ahhar tlett talbiet cioe' dawk bin-numru 7, 8 u 9 dedotti fic-citazzjoni stante rinunzja da parti tas-socjeta' attrici rigward dawn l-ahhar tlett talbiet.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Imhallef

Noah Zammit
Deputat Registratur